MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 177/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**

**VS**

**FLOYD ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Floyd Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 400284M.

**Akkuzat illi:**

1. F'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar xhur diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti jiksru l-

istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

2. Nhar id-9 ta` Dicembru 2011, gewwa Ta` Xbiex, ikkommetta serq ta` Play Station 3 li jiswa madwar erba` mitt ewro (€400), ghad-dannu ta` Roderick De Battista, ID 433773M minn Hal Safi, u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma ma jaqbizx l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

3. Ukoll talli nhar il-21 ta` Jannar 2012, gewwa stabiliment Born to Shop gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta` Dell Laptop jiswa madwar elf u sitt mitt ewro (€1,600), ghad-dannu ta` Robertino Bonello minn Ghajnsielem gewwa Ghawdex u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma ma jaqbizx l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. Kif ukoll talli nhar is-7 ta` Jannar 2012, gewwa Hal Qormi, ikkommetta serq ta` Laptop ta` ditta ACER u accessorji tal-kompjuter li jammontaw ghal madwar elf u hames mitt ewro (€1,500), kif ukoll kartiera li tikkontjeni erbghin ewro (€40) fi flus kontanti, Digital Camera li tiswa madwar mitejn u ghoxrin ewro (€220) ghad-dannu ta` Giovanna Casabene, ID 501473M minn Hal Qormi u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma ma jaqbizx l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

5. U wkoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi mghotija lilu mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi huma definiti u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula skond l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 18, 267, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li saret trattazzjoni rigwardanti l-piena, ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal sentejn (2) prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------